

31973L0238

16.8.1973

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 228/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tal-24 ta' Lulju 1973****dwar miżuri sabiex jittaffew l-effetti ta' diffikultajiet fil-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi**

(73/238/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW

mingħajr dewmien u skond it-Trattat, u partikularment l-Artikolu 103 miġjub fih;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikularment l-Artikolu 103 miġjub fih;

Billi huwa meħtieġ li dawn is-setgħat jiġu armonizzati sa ċertu punt sabiex tiġi faċilitata l-koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali fi ħdan il-qafas ta' konsultazzjonijiet fuq livell Komunitarju;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Billi huwa wkoll mixtieq illi korp konsultattiv jiġi stabbilit min-nufih sabiex iħaffef il-koordinazzjoni ta' miżuri prattiċi meħhuda jew proposti mill-Istati Membri f'dan il-qasam;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

Billi l-istabbiliment ta' politika ta' enerġija komuni huwa wieħed mill-għanijiet li l-Komunitajiet stabbilew għalihom infushom;

Billi huwa meħtieġ li kull Stat Membru jħejji pjan li jista' jintuża f'każ ta' diffikultajiet li jinħolqu fil-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi;

Billi żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi huma ta' importanza dejjem tikber biex jipprovdu l-Komunità bi provvisti ta' enerġija; billi kull diffikultà, ukoll temporanja, li jkollha l-effett li tnaqqas b'mod konsiderevoli il-provvisti ta' dawk il-prodotti tista' tikkawża disturbi serji fl-attività ekonomika tal-Komunità; billi l-Komunità għandha, għalhekk, tkun f'pożizzjoni li tannulla jew ta' l-inqas li tnaqqas kwalunkwe effett ta' ħsara f'każ bħal dan;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Billi proċeduri u strumenti adatti għandhom ikunu provduti bil-quddiem sabiex jassikuraw it-twertiq bil-ħeffa ta' miżuri sabiex jiġu mnaqqsa l-effetti ta' diffikultajiet fil-provvista tal-petroleum u prodotti petroliferi;

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bis-setgħat meħtieġa f'każ ta' diffikultajiet li jinħolqu fil-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi li jistgħu jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-provvista ta' dawn il-prodotti u joħolqu disturbi serji. Dawk il-poteri għandhom jippermettu lill-awtoritajiet:

— li jużaw ħażniet ta' emerġenza skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1968 ⁽¹⁾ li jimponu obbligazzjoni fuq

Billi l-Istati Membri għandhom, għalhekk, ikollhom is-setgħat meħtieġa sabiex jiehdu azzjoni xierqa, jekk tinqala' l-htieġa,

⁽¹⁾ ĠU L 308, tat-23.12.1968, p. 14.

l-Istati Membri tal-KEE sabiex iżommu ħażniet minimi ta' żejt mhux maħdum u/jew prodotti petroliferi u jqassam dawn il-ħażniet lill-utenti,

- li jimponu restrizzjonijiet speċifiċi jew wiesa' fuq il-konsum, skond in-nuqqasijiet stmati, u li jagħtu prijorità lill-provvisti ta' prodotti petroliferi għal ċerti gruppi ta' utenti,
- li jirregolaw il-prezzijiet sabiex tiġi mpeduta żieda abnormali fil-prezzijiet.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-korpi li għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżekuzzjoni tas-setgħat li għalihom jipprovdi l-Artikolu 1.

2. L-Istati Membri għandhom iħejju pjanijiet li jistgħu jintużaw f'każ ta' diffikultajiet li jinħolqu fil-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi.

Artikolu 3

1. Jekk jinqalgħu diffikultajiet fir-rigward tal-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi fil-Komunità u wieħed mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tlaqqa' malajr kemm jista' jkun, fuq talba ta' wieħed mill-Istati Membri jew fuq inizzjattiva tagħha stess, grupp ta' delegati mill-Istati Membri li l-ismijiet tagħhom għandhom ikunu magħrufa minn qabel, taħt il-presidenza tal-Kummissjoni.

2. Dan il-grupp għandu jwettaq il-konsultazzjonijiet meħtieġa sabiex jassikura koordinazzjoni tal-miżuri meħuda jew proposti taħt is-setgħat li jipprovdi għalihom l-Artikolu 1 hawn fuq.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet li jissoddisfaw l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-komposizzjoni u l-mandat tal-korpi nazzjonali mwaqqfa skond l-Artikolu 2(1) sabiex jitwettqu l-miżuri li għandhom jittieħdu.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1974 id-dispożizzjonijiet stabbiliti minn liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva meħtieġa sabiex titħares din id-Direttiva.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-24 ta' Lulju 1973.

Għall-Kunsill

Il-President

I. NØRGAARD